



# Ċaqliq fl-istruttura tal-impjegi fl-Ewropa waqt ir-Reċessjoni I-Kbira

## Sommarju eżekuttiv

### Introduzzjoni

L-Ewropa, bħall-biċċa l-kbira tad-dinja żviluppata, għadha qed tittratta l-konsegwenzi tar-Reċessjoni I-Kbira tal-2008-2009. Ir-riperkussjonijiet kienu severi, b'mod speċjali fis-suq tax-xogħol. Apparagun mat-tieni trimestru tal-2008, kien hemm ħames miljun persuna inqas b'xogħol bi ħlas fl-UE27 fit-tieni trimestru tal-2010. Dan ir-rapport jiddeskrivi l-impatt tar-reċessjoni fuq l-istruttura tax-xogħol f'termini ta' xogħlijiet u setturi fl-UE27, kemm fil-livell aggregat u kemm fil-livell nazzjonali. Dan jagħmlu minn perspettiva kwantitattiva (l-identifikazzjoni ta' ċaqliq fil-livelli tal-impjegi) u minn perspettiva kwalitattiva (li juri kif iċ-ċaqliq fil-livelli tal-impjegi kienu mqassma tul il-medda ta' tal-pagi). Dan huwa l-ewwel rapport ippubblikat bħala parti mill-Monitoraġġ tal-Impjegi Ewropej ta' Eurofound. Rapport ta' segwitu tard fl-2011 ikompli l-analiżi sa nofs l-2011 malli l-irkupru tas-suq tax-xogħol isir (nittamaw) aktar sod.

### Kuntest tal-politika

L-istrateġija tal-UE 'Ewropa 2020' għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv tinkludi impenn biex jitrawmu livelli għoljin ta' xogħol u produttività. Dan jimplika enfasi mġedda fuq il-miri tal-obiettivi tal-istrateġija ta' Liżbona preċedenti ta' 'aktar impjegi u impjegi aħjar'. Jenħtieġu aktar impjegi biex tiġi rrimedjata ż-żieda kbira fil-qgħad li akkumpanjat il-kriżi finanzjarja. It-tkabbir fl-impjegi huwa wkoll neċessarju kemm-il darba l-Ewropa trid tagħmel progress lejn il-mira tagħha ta' rata ta' impjegi ta' 75% sal-2020 għal dawk ta' bejn 20 u l-64 sena. (FI-2010, ir-rata tal-impjegi għal dan il-grupp kienet 68.6%.) Barra dan, jenħtieġ ikun hemm impjegi ta' kwalità aħjar (fir-rigward ta' taħriġ, tal-kontenut ta' għarfien u tal-kundizzjonijiet tax-xogħol) jekk l-Ewropa tabilħaqq trid ittejjeb il-livelli ta' produttività tagħha – iċ-ċavetta biex jintlaħqu l-isfidi kompetittivi ta' dinja multipolari u għalhekk biex jinżammu u jitjiebu l-kundizzjonijiet tal-għajxien.

Meta nħarsu lura naraw li l-Ewropa gawdiet minn speċi ta' miraklu fl-impjegi mill-aħħar tas-snin 90 sa meta bdiet ir-reċessjoni fl-2008. Inħolqu aktar minn 20 miljun impjeg fi ftit iktar minn għaxar snin: dan kien aktar minn dak maħluq fl-Istati Uniti kemm f'termini assoluti kif ukoll relattivi. Għalkemm il-miri tal-istrateġija ta' Liżbona ma ntlew, sar progress sinifikanti fiż-żieda tal-livelli ta' impjegi u fil-ġlieda kontra l-qgħad. Mill-banda l-oħra, tħassib simili għal dak imqajjem qabel fl-Istati Uniti tqajjem fir-rigward tal-kwalità tal-impjegi li kienu qegħdin jinħolqu. Il-perċezzjoni kienet li ħafna impjegi ġodda kienu impjegi fis-settur tas-servizzi b'paga baxxa u mingħajr prospetti ta' avvanz fil-karriera, u ma nħolqux biżżejjed xogħlijiet f'attivitajiet b'bażi intensiva ta' għarfien u li potenzjalment iżidu l-produttività. It-tkabbir fl-impjegi kien qed jinkiseb għad-detriment tal-kwalità tal-impjegi?

Ħidma li saret qabel mill-Eurofound applikat metodu sempliċi ta' analiżi – li kien żviluppat l-ewwel minn Joseph Stiglitz – biex tiġi pprovduta tweġiba li tagħmel sens b'mod empiriku għal din il-mistoqsija. Billi l-impjeg jinqasam f'xogħlijiet individwali (mifhuma bħala xogħol speċifiku f'settur speċifiku – pereżempju infermier fis-settur tas-saħħa jew assistent f'ħanut fis-settur tal-bejgħ bl-imnut ) u billi x-xogħlijiet jiġu kklassifikati skont il-paga fis-siegħa (bħala rappreżentattiva tal-kwalità tax-xogħol), jista' jiġi nnutat jekk it-tkabbir jew it-tnaqqis tal-impjegi kienx ikkonċentrat f'impjegi 'tajbin', 'tan-nofs' jew 'baxxi' fir-rigward tal-paga. Din l-analiżi ħasset lejn żviluppi fis-suq tax-xogħol fi 23 Stat Membru bejn l-1995 u l-2006.

- Il-konklużjoni ewlenija tagħha kienet li t-tkabbir fl-impjegi kien imxaqleb lejn impjegi li relattivament iħallsu iktar.

- Din sabet ukoll li t-tkabbir fl-impjieggi kien l-iktar dgħajef fil-parti tan-nofs tad-distribuzzjoni tal-paga, marbut mat-tnaqqis għal terminu twil fl-impjieggi fil-manifattura. It-tkabbir fl-impjieggi li jħallsu iktar kien kemxejn ikbar.
- Għalkemm il-mudelli varjaw fuq livell nazzjonali, id-dejta aggregata tal-UE offriet ftit sostenn parzjali għal mudelli 'tan-nofs li qed tonqos' li kienu identifikati qabel fis-swieq tax-xogħol Brittaniċi u Amerikani.

## Sejbiet ewlenin

Ir-rapport preżenti – *Ċaqliq fl-istruttura tax-xogħol fl-Ewropa waqt ir-Reċessjoni I-Kbira* – juża dejta mill-Istħarriġ Ewropew dwar il-Forza tax-Xogħol biex janalizza jekk il-mudell tal-bidla fl-impjieggi polarizzata b'mod asimetriku, identifikat f'ħidma preċedenti tal-Eurofound, ippersistiex waqt perjodu ta' telf ta' impjieggi b'mod intensiv (bejn it-tieni trimestru tal-2008 u t-tieni trimestru tal-2010).

- Għalkemm differenti b'mod ċar fir-rigward tar-riżultati tal-impjieggi, kien hemm mudell simili għal dak tad-deċennju preċedenti f'termini tad-distribuzzjoni taċ-ċaqliq fl-impjieggi tul l-istruttura tal-impjieggi fil-livell aggregat tal-UE.
- Tnaqqis kbir, speċjalment f'impjieggi b'paga baxxa u medja, b'mod speċjali fil-kostruzzjoni u l-manifattura, aċċentwa l-polarizzazzjoni tal-istruttura tal-impjieggi.
- Anki f'perjodu ta' telf ta' impjieggi b'mod intensiv, l-impjieggi xorta żdiedu fix-xogħlijiet b'paga għolja. Kif ġara fid-deċennju preċedenti, it-tkabbir tal-impjieggi fil-*quintile* bl-ogħla paga (l-ogħla 20% tal-ispettru tal-pagi) kien ikkaġunat l-aktar minn żieda fl-impjieggi fl-hekk imsejja 'servizzi b'għarfien intensiv' (KIS). Dawn jinkludu kemm is-servizzi pubbliċi (l-aktar fl-edukazzjoni u s-saħħa) u kemm is-servizzi privati (servizzi tan-negozju). Matul ir-reċessjoni l-importanza relattiva tas-servizzi pubbliċi għat-tkabbir fl-impjieggi fl-ogħla *quintile* żdiedet.
- Fuq livell ta' Stat Membru, matul ir-reċessjoni ġew osservati tliet mudelli ta' ċaqliq fl-impjieggi: titjib (tkabbir fl-impjieggi li jkun ixaqleb lejn il-parti ta' fuq tad-distribuzzjoni tal-pagi), polarizzazzjoni (tkabbir fl-impjieggi fil-parti l-baxxa u għolja tal-ispettru tal-pagi, iżda tnaqqis fin-nofs) u degradazzjoni (it-telf tal-impjieggi ikun ikbar f'impjieggi b'paga għolja filwaqt li l-impjieggi b'paga iktar baxxa jew kibru jew sofrew biss tnaqqis żgħir).
- Waqt ir-reċessjoni, fis-suq tax-xogħol in-nisa marru aħjar mill-irġiel, kemm f'termini kwalitattivi u kemm f'termini kwantitattivi. Matul il-kriżi ntilfu erba' impjieggi 'maskili' għal kull impjieg 'femminili'. Il-ftit sorsi ta' tkabbir fl-impjieggi (ġeneralment ta' kwalità għolja) kienu f'impjieggi li b'mod predominanti jimpjegaw lin-nisa fis-saħħa u fl-edukazzjoni.
- Il-livelli tal-impjieggi tal-ħaddiema ikbar fl-età baqgħu sorprendentement għoljin matul il-kriżi; madankollu dawk tal-ħaddiema tal-età tan-nofs (dawk ta' bejn 30 u 49 sena) u b'mod speċjali l-ħaddiema ż-żgħar kienu affettwati b'mod sever. Matul ir-reċessjoni kien hemm żieda sinifikanti fl-impjieggi fost dawk ta' bejn 50 u 64 sena – 1.7 miljun impjieg ġdid. Dan it-tkabbir fl-impjieggi seħħ tul l-ispettru tal-pagi, iżda kien imxaqleb lejn impjieggi li jħallsu paga tajba. Għal ħaddiema iżgħar (dawk taħt it-30 sena), l-impjieggi ntilfu tul l-ispettru kollu tal-pagi.
- Kien hemm stampa mħallta f'termini tal-istat tal-impjieggi. Kien hemm telfiet notevoli f'impjieggi temporanji fil-fażi bikrija tar-reċessjoni; madankollu l-ikbar parti tat-tkabbir fl-impjieggi mill-2009 'l quddiem seħħ fl-impjieggi temporanji, għalkemm dan it-tkabbir kellu t-tendenza li jkun f'impjieggi li jħallsu paga baxxa. L-impjieggi part-time expandew tul il-medda tal-pagi, b'żidiet ftit jew wisq mqassma b'mod ugwali bejn in-nisa u l-irġiel. Xogħol part-time ġdid għall-irġiel inġoloq primarjament f'impjieggi b'paga baxxa fl-agrikoltura u fil-qasam tal-ikel u x-xorb, filwaqt li 'l fuq minn żewġ terzi tat-tkabbir fl-impjieggi part-time tan-nisa kien f'impjieggi b'paga għolja, jiġifieri fl-edukazzjoni, fis-saħħa u fis-servizzi professjonali.

### Aktar informazzjoni

Għal analiżi iktar dettaljata, ara r-rapport sħiħ *Ċaqliq fl-istruttura tal-impjieggi fl-Ewropa waqt ir-Reċessjoni I-Kbira*, li jinsab fis-sit elettroniku [www.eurofound.europa.eu/publications/htmlfiles/ef1141.htm](http://www.eurofound.europa.eu/publications/htmlfiles/ef1141.htm)

John Hurley, Uffiċjal tar-Riċerka  
joh@eurofound.europa.eu